MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 830/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**ANTHONY BONE**
**ANTHONY MIZZI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Anthony Bone** detentur tal-karta tal-identita' numru 6263(M)

U

**Anthony Mizzi** detentur tal-karta tal-identita' numru 779854(M) gew imressqa quddiemha akkuzati f'isimhom proprju, kif ukoll fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' *Concorde International Freight Forwarders Limited*:

1) Talli f'Novembru 2002 u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew bizgha dwar grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta.

2) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi.

3) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn dokumenti foloz.

4) F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigu akkuzati talli fl-1 ta' Novembru, 2002, u/jew f'xi data qabel, xjentement issottomettew u/jew ittolleraw li jigi sottomess lid-Dipartiment tad-Dwana dokument (*commercial invoice*) b'valur ta' €7,000.00 datat 23 ta' Ottubru 2002, dokument

iehor b'valur ta' €70,000.00 li jkopri l-istess merkanzija, flimkien ma' (*import declaration*) bin-numru R75989 datat 29 ta' Ottubru, 2002 li taghmel referenza ghall-ammont ta' €7,000.0. B'din id-dikjarazzjoni huma xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwardja valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm3039.00, taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) imhallsa kienet ta' Lm456.00, meta fil-fatt il-valur u l-VAT reali kellhom ikunu Lm29,041.00 (€67,647.33) u Lm4356.99 (€10,146.75) rispettivament.

B'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, huma xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) ghal Lm3,900.00 **(€9048.56) dovuta lill-Gvern ta' Malta.**

Dan bi ksur tal-artikoli:

a) 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m), tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u l-artikolu 18A tal-Att dwar Dazju ta' importazzjoni Kap. 337, tal-Ligijiet tad-Dwana

b) 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti .

Rat illi l-Avukat Generali baghat l-Artikoli nhar is-16 ta Mejju 2011 u dan sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja ( fol. 92).

Rat illi l-artikoli gew moqrija u l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal registrat fl-atti nhar it-22 ta' Lulju, 2014 ( fol. 172).

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Illi nhar l-20 ta' Settembru, 2010 xehed **Emanuel Darmanin** in rappresentanza tad-Dipartiment tal-VAT, u pprezenta *letter to prosecute* li giet markata bhala Dok. VD 1. Huwa gharaf il-firma ta' Paul Scicluna ghall-Kummissarju tal-VAT fuq din il-*letter to prosecute*.

Illi nhar il-20 ta' Settembru, 2010 xehed **Joseph Borg** ghan-nom tad-Dipartiment tad-Dwana u pprezenta *letter to prosecute* fil-konfront ta' Anthony Bone u Anthony Mizzi. Fuq din il-*letter to prosecute* gharaf

il-firma tal-ex Kontrollur tad-Dwana Spiridione Galea. Dan id-dokument gie markat bhala Dok. DB1. Huwa esebixxa ukoll disa' dokumenti li gew markati bhala Dok 1 sa Dok 9 kif deskritti fid-dokument li gie markat bhala Dok. DB 2 , korrispondenza li giet markata bhala Dok. BD 3 u spjega li din hija l-korrispondenza li ghaddiet bejn Comfort International Trade Forwarders Ltd., u d-Dwana liema dokumentazzjoni tikkonsisti f'sett ta' hames (5) dokumenti, sett ta' korrispondenza ohra bejn Comfort International Trade Forwarders Ltd. u d-Dwana li giet markata bhala Dok. DB4. Esebixxa wkoll komunikazzjoni bejn id-Dwana ta' Malta u dik tan-Netherlands li giet markat bhala Dok. DB5 liema korrispondenza hija datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, 2003, u fuqha jaghraf il-firma tal-Head of Investigations tad-Dwana li dak iz-zmien kien is-Sur Carmel V. Portelli.

Illi nhar l-20 ta' Settembru, 2010 xehdet **Charmaine Cutajar nee' Zammit** u spjegat li hija Fizzjal tad-Dwana w ghall-fini ta' kjarifika spjegat li hija ghadha kif izzewwget ricentement u qabel kellha l-kunjom Zammit, illum hija Charmaine Cutajar. Spjegat fis-sena 2003 hija kienet Ufficjal tad-Dwana u kienet assenjata fil-Long Room, spjegat illi hija dak iz-zmien li semmiet kienet tipprocessa d-dokumenti tad-Dwana. Inkwantu ghall-ewwel faccata ta' dana d-dokument Dok. DB2 spjegat li din hija *invoice*. Spjegat illi meta kienet qed tiprocessa d-dokumenti nnutat illi fost id-dokumentazzjoni li kien hemm, sabet dan id-dokument Dok DB2 esebita fol. 24 ta' l-atti. Pero' apparti dan id-dokument ta' sebat elef ewro (€7,000) esebit a fol. 24 kien hemm invoice ohra ghas-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) esebita a fol. 25 tal-process. Spjegat illi bhala procedura

tad-Dwana kienet ssir dikjarazzjoni lid-Dwana mbaghad huma jqabblu l-invoice mad-dikjarazzjoni. Tghid li f'dan il-kaz , id-dikarazzjoni kienet saret fuq l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000), pero' l-invoice kien jindika l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000). Spjegat li a fol. 26 tal-atti hemm esebit *Declaration Querry/Amendment sheet*. Spjegat illi fuq dan id-dokument ahhari hija ghamlet nota biex jitnizzel il-*correct invoice value*. Qalet li dan id-dokument ikun indirizzat lill-importatur u fil-fatt nizzlet li l-importatur kellu jkellem lill-Officer in charge taghha. Fil-fatt kitbet is-segwenti:- " *Please produce price list and information of supplies as to why two invoices with two different values issued for same consignment."*

Spjegat illi inkwantu ghad-dokument esebit a fol. 27 ta' l-atti dan huwa d-dikjarazzjoni li ghamel l-importatur, imbaghad huma jaghmlu l-verifiki u l-iccekkjar skond id-dikjarazzjoni li jkun ghamel l-istess importatur. F'Dan id-dokument id-dikjarazzjoni tal-importatur hija ta' sebat elef ewro (€7,000). Fuq dan iddokument gharfet l-istruzzjonijiet tal-Head of Section taghha. Qalet li d-Dokument a fol. 29 huwa invoice fl-ammont ta' sebat elef ewro (€7,000), waqt li d-dokument a fol. 30 hija *packing list.* Spjegat li l-iskop ta' dan id-dokument ahhari huwa sabiex tkun tista' ssir kjarifika ta' dak li jkun fiha l-*invoice* apparti li li jindika il-*wieght* u n-numru ta' *packages*.

Kien minhabba li sabet dawn iz-zewg invoices b'valuri differenti li hija talbet l-ispjegazzjoni.

In kontro ezami fuq domanda tad-difiza jekk iz-zewg invoices a fol. 23 u a fol. 24 esebiti u annessi mad document DB2 kienux jifformaw parti mill-istess *batch* ta' dokumenti tghid li iva u in oltre spjegat li dawna gew mghoddija lilha mill-importatur jew il-burdnar tieghu.

Illi nhar l-20 ta' Settembru, 2010 xehed **Saviour Chetcuti** u spjega li prezentement huwa pensjonant. Spjega li huwa qabel kien jahdem fid-Dipartiment tad-Dwana bhala Fizzjal. Spjega li fis-sena 2002 kien stazzjonat fil-Long Room fejn jigu processati d-dokumentazzjoni. Muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 26 formanti parti minn sett ta' dokumenti markati bhala bhala Dok DB2, spjega li dan id-dokument huwa d-dokument li johrog il-fizzjal li jkun qieghed jiccekja d-dokumenti u f' dan il-kaz il-fizzjal sab diskrepanza ghax sab zewg (2) fatturi differenti ghall-istess konsenja u dawn iz-zewg invoices kienu gew ghandu ghax huwa kien il-Head of Section.

Spjega illi l-azzjoni li ha kienet li ordna lill-importatur jindikalhom liema fattura hija il-propja u ordna ukoll illi l-importatur ghandu ikellem lill-Head of Section kif ukoll igib mieghu d-dokumentazzjoni necessarja bhall-*packing list*. Rigwardanti dan il-kaz l-importatur baqa' jinsisti mieghu li l-ammont kien ta' sebat elef ewro (€7,000) u huwa ghalhekk talbu jipproduci *price list* u spjegazzjoni minghand is-supplier ghaliex dan kien hariglu zewg (2) fatturi ghall-istess konsenja. B'referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol. 28 jghid li din hija dokumentazzjoni li turi x'kien qallu d-Direttur tad-Dwana biex jaraw kif ghandhom jimxu fuq dan il-

kaz partikolari. Huwa qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq dan l-istess dokument esebit a fol. 28 kif ukoll qieghed jaghraf il-firma tieghu li qieghda bl-ahmar fuq id-dokument esebit a fol. 26 formanti parti minn Dok. DB2.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li l-Fizzjala tieghu lilu kienet infurmatu li l-owner jew min kien qed jipprezenta l-karti baqa' jghid illi l-invoice korretta kienet ta' sebat elef ewro (€7,000), u kompla spjega li lil min kien qieghed jidher ghall-importatur huwa qatt ma kellmu allura ma jafx min hu. Jerga' jirrepeti li huwa ma jafx, qed jigi misoqsi mid-difiza allura jekk jafx kienx wiehed mill-akkuzati, spjega li le ma jafx. Spjega li huma mbaghad hadmu deposit fuq l-ammont ta' sebghin elf ewro (€70,000) li dan kellu jigi depozitat biex jaghmel tajjeb. Bhala fatt jaf li kien sar deposit, pero' min ghamel id-deposit ma jafx.

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2011 xehdet **Claire Camilleri Borg** u spjegat li hija tahdem mar-registry of companies MFSA. Mitluba tesebixxi l-Memorandum u Articles of Association tal-kumpanija Concorde International Freightforwarders Ltd. Hija pprezentat l-istess u dan gie esebit u mmarkat bhala Dok. CCB1.

Illi nhar il-14 ta' Frar, 2011 xehed **Carmel Joseph Farrugia** u spjega li huwa Spettur tad-Dwana. Muri d-dokument markat bhala Dok. DB3 li jinsab esebit fl-atti a fol. 33 tal-Process jghid li dan huwa dokument illi Anthony Bone kien baghat lid-Dwana fejn

huwa kien f'dina l-ittra ddikjara illi fl-invoice li huwa kien baghat kien hemm typing error. Muri d-dokument li jinsab a fol. 29 tal-Process li huwa formanti parti minn Dok. DB2 spjega li din hija l-invoice li Anthony Bone kien ghamel referenza ghaliha fl-ittra li tinsab a fol. 33 tal-Process. Spjega illi mid-dokumenti prezentati lilu rrizulta illi l-importatur is-socjeta' Concorde kienet ipprezentat lid-Dwana zewg (2) invoices u dawn kienu juru valur differenti. Wahda turi l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u l-ohra turi l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) waqt li jirrigwardaw l-istess suggetti.

Fid- 29 ta' Ottubru, tas-sena 2002 id-Dwana kienet talbet ghall-invoice t-tajba. Fil- 31 ta' Ottubru, 2002 id-dwana kienet regghet talbet lill-importatur u allura qed jirreferi ghal Concorde biex dana jaghti spjegazzjoni l-ghala kienu gew ipprezentati zewg (2) invoices ta' Glass Deco b'ammonti differenti. Qal li mbaghad giet prezentata invoice ohra ta' Glass Deco fejn gie dikjarat illi kien hemm typing error u li l-ammont proprju huwa dak ta' sebat elef ewro (€7,000). F'dan l-istadju d-dikjarazzjoni tad-Dwana giet accettata bil-kundizzjoni li jsir depozitu biex jaghmel tajjeb ghad-differenzi tal-VAT.

Spjega illi fit-tmintax (18) ta' Novembru, tas-sena 2002 giet mibghuta ittra minn Anthony Bone lid-Dwana fejn huwa spjega illi dak li gara kien konflitt bejn zewg (2) invoices u dan kien *typing error*. Kemm f'din l-ittra u kif ukoll f'ittra ohra liema ittra mibghuta fit-8 ta' Jannar, tas-sena 2003 is-socjeta' Concorde kienet talbet

ghar-refund tad-depozitu. Spjega illi fis- 27 ta' Marzu, 2003, id-Dwana ta' Malta tramite il-Head of Investigation li dak iz-zmien kien Karm Portelli, ghamel kuntatt mad-Dwana tal-Olanda biex tigi konfermata l-awtenticita' tal-invoice. Bhala investigazzjoni li saret mid-Dwana tal-Olanda rrizulta li s-socjeta’ Concorde kienet ghamlet dawn il-pagamenti: pagament ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u tletin Ewro ( €31,730), pagament iehor ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200), pagament iehor ta' sbatax-il elf, erba' mija u disghin Ewro (€17,490) u pagament iehor ta' sbatax-il elf, erba' mija u disghin Ewro (€17,490). U dan allura jgib l-ammont totali ta' disgha u sittin elf, disa' mija u sittin Ewro (€69,960). U ghalhekk dan kien jindika li l-valur ta' sebghin elf Ewro kien il-valur awtentiku.

Zied jghid illi mill-ispjegazzjonijiet li ghamlet id-Dwana Olandiza jirrizulta ukoll li l-logo tal-invoice ta' sebat elef (7,000) ma kienitx awtentika. Ghalhekk kien ikkonkluda illli l-importatur kien ipprezenta l-invoice il-baxxa ta' sebat elef Ewro (€7,000) b’mod frawdolenti.

Huwa esebixxa n-notamenti tieghu li huma fil-qosor il-punti dwar il-konkluzzjoni tieghu liema notamenti gew markati bhala  Dok. CJF1. Esebixxa ukoll ir-rapport il-proprja tieghu li huwa bl-Ingliz u dan gie markat bhala  bhala Dok. CJF2. Spjega illi huwa lil Anthony Bone u lil Anthony Mizzi qatt ma kien rahom.  Muri d-dokument li jinsab a fol. 22 ta’ l-atti  formanti parti minn Dok. BD2 u spjega li dan huwa elenku ta' dokumenti li kellu jispezzjona hu.

Mistoqsi mid-difiza jekk id-deposit li hallset is-socjeta’ Concorde kienitx fuq is-somma ta’ sebghin elf euro (€70,000) u mhux fuq is-somma ta’ sebat elef ewro (€7,000) u wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mid-difiza jekk bhala stat ta' fatt jafx illi effettivament l-ammont ta' depozitu li hallset is-socjeta’ Concorde inzammx mid-Dwana bhala penali, spjega li dik mhix parti mid-dipartiment tieghu u allura ma kienx f’posizjoni li iwiegeb. Stqarr li hemm persuni ohra nkarigati li jistghu jaghtu nformazzjoni dwar din id-domanda . Spjega illi kemm l-invoice tas-sebat elef Ewro (€7,000) kif ukoll dik tas-sebghin elf Ewro (€70,000) kienet ipprezentathom l-istess kumpanija Concorde. Irrizultalu li dawn iz-zewg (2) invoices dahlu fl-istess data fid-Dwana u cioe' fl-ewwel (1) ta' Novembru, 2002.

Illi nhar id-29 ta’ April, 2011 xehdet **Gianella James** u spjegat li hija xogholha huwa ta' Fizzjal id-Dwana. Spjegat illi f'dan il-kaz qeghda tiftakar illi kienu gew ipprezentati flimkien zewg (2) invoices f'ammonti differenti. Spjegat illi meta gew ipprezentati dawn l-invoices l-ewwel darba ma kienux gew prezentati lilha. Spjegat illi bhala procedura normalment ikun burdnar illi lilha jgibilha l-invoices u din tkun persuna li tkun iffirmat id-dokument. Peress li mbaghad kienet dahlet ‘*query*’, allura d-Dwana waqfet il-process minhabba l-fatt li l-ammonti kienu differenti. Imbaghad procedurlament li gara kien illi giet prezentata t-tielet (3) invoice pero' ma tafx min kien ipprezentaha ghaliex id-dokument ma jkunx gie prezentat lilha. Imbaghad kienet giet ordnata mill- Officer in

Charge taghha li dak iz-zmien kien Saviour Chetcuti sabiex tghaddi id-dokumenti bil-valur il-kbir u dan sabiex il-persuna tkun obbligata thallas id-deposit fuq id-differenza li ma kienx thallas u l-VAT fuq kollox. Spjegat illi l-persuna effettivament li kellha d-dritt li tiehu dawn l-oggetti stante li lahqet impurtat peress li kienet hallset fuq l-ammont il-kbir.

Illi nhar it-8 ta’ Gunju, 2011 xehdet **WPC 103 Marcelle Mifsud** u esebiet vera kopja ta’ l-istqarrija tal-imputat Anthony Bone li giet markata bhala Dok. MMP1 u stqarret li gharfet lil Anthony Bone prezenti fl-Awla fuq il-bank ta l-imputati. Ikkonfermat li hija kienet prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija u kkonfermat li fil-prezenza taghha l-imputat inghata t-twissija skont il-ligi. Ikkonfermat li l-imputat kien irrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju. Ikkonfermat illi fil-prezenza taghha l-ex Spettur Helga Debono u kif ukoll l-imputat Anthony Bone kienu ffirmaw din l-istqarrija u hija ukoll kienet iffirmat din l-istqarrija.

Illi nhar it-8 ta’ Gunju, 2011 xehed **Kevin Borg** u spjega illi f'Ottubru, tas-sena 2007 huwa kien Spettur fil-Korp tal-Pulizija. Huwa esebixxa l-istqarrija datata 31 ta' Ottubru, 2007 rilaxxjata minn Anthony Mizzi li jekk mhux sejjer zball huwa l-imputat illi liebes glekk griz car pero' spjega li ghall-fini ta' korrettezza mill-avukat difensur illi dan huwa l-imputat Anthony Bone u mhux Anthony Mizzi u allura huwa ddikjara li huwa mhuxiex cert dwar min hu din il-persuna jekk hux Anthony Mizzi jew Anthony Bone ghax ghadda z-zmien. Din l-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala

Dok. KBP u jikkonferma li huwa lil Anthony Mizzi kien tah t-twissija skont il-ligi, u li kien irrilaxxja din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu kif ukoll dik ta' PS 1235 Warren Magri u ta' Anthony Mizzi u spjega illi huwa dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Spjega illi inizjalment l-investigazzjonijiet rigwardanti dan il-kaz kienu nbdew mill-ex Spettur Helga Debono u huwa wiret ix-xoghol minghandha w ghaldaqstant huwa kompla bl-investigazzjonijiet. Spjega li huwa kien kellem lil certu Carmelo Portelli li dak iz-zmien kien fid-dipartiment tal-Enforcement tad-Dwana u dana dwar rapport li dan kien ghamel ghaliex il-kaz kien gja gie investigat mid-Dwana. Jghid li d-Dwana kienet irceviet zewg (2) invoices rigward importazzjoni ta' xi hgieg. Pero’ il-kumpanija Concorde fiz-zewg invoices kienet indikat li l-istess oggetti gew importati wahda b’valur tal-oggetti kien ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u l-ohra b’valur ta' sebat elef Ewro (€7,000). Jghid li in segwitu id-Dwana kienet irceviet ittra ffirmata minghand Anthony Bone datata tmintax (18) ta' Novembru, 2002 fejn dana Anthony Bone kien ikkonferma lid-Dwana li l-invoice t-tajba kienet turi c-cifra ta' sebat elef Ewro (€7,000) bhala valur. Imbaghad id-Dwana ta' Malta kienet accettat bhala valur l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) pero' spjega illi d-Dwana hawn Malta kompliet bl-investigazzjonijiet taghha u jidhirlu li l-investigazzjonijiet sussegwentement komplew mad-Dwana tal-Olanda fejn imbaghad id-Dwana tal-Olanda kienet iddikjarat illi l-invoice fejn hemm indikat l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000) kienet wahda falza u ghaldaqstant id-Dwana Olandiza nfurmat lid-Dwana ta' Malta li l-

valur tal-oggetti kellu jkun fl-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000). U mbaghad huwa lil Anthony Mizzi kien hadlu stqarrija li esebixxa llum.

Ikkonferma li in kwantu ghad-dokument li hemm a fol. 24 tal-process, dan huwa l-allegat dokument falz. In kwantu ghad-dokument esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. DB3 li jinsab a fol. 33 tal-process spjega li din hija l-ittra li Anthony Bone ghan-nom tal-kumpanija Concorde kien kiteb lid-Dwana fejn ikkonferma li l-valur tal-oggetti kellu jkun ta' sebat elef Ewro (€7,000).

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi mid-difiza jekk kemm-il darba huwa lil Anthony Bone kienx baghat ghalih ukoll spjega li ma jiftakarx. Gie suggerit lilu li effettivament lil Anthony Bone huwa kien baghat ghalih u kellmux pero' ma hadlux stqarrija, u huwa spjega li jista' jkun. Jiftakar illi Anthony Bone kien ta stqarrija quddiem l-ex Spettur Helga Debono. Mistoqsi mid-difiza jekk jiftakarx li Anthony Bone kien qallu illi fiz-zewg (2) kazijiet kemm jekk fis-sebat elef Ewro (€7,000) kif ukoll dik tas-sebghin elf Ewro (€70,000) l-ammont li kien ser jithallas bhala VAT kien rifondibbli lill-kumpanija, dwar dan spjega li huwa jikkonferma li ma jiftakarx li dan id-diskors intqal lilu.

Illi nhar il-5 ta’ Lulju, 2013 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** u pprezenta Ittri Rogatorji bil-ligwa Maltija u bil-ligwa Ingliza li gew

markati bhala Dok. PA1 u Dok. PA2 u talab lil din il-Qorti sabiex tordna li dawn id-dokumenti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien skon dil-ligi sabiex jigu trasmessi lill-Awtoritajiet Kompetenti.

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum tal-5 ta' Lulju 2013 fejn ordnat li d-dokumenti PA1 u PA2 jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi sabiex jigu trasmessi lill-Awtoritajiet Gudizzjarji kompetenti.

Illi nhar l-24 ta Settembru 2013 l-Avukat Generali permezz ta' nota pprezenta atti li gew markati bhala Dok AG NL li huwa kien ircieva minghand l- awtoritajiet kompetenti gudizzjarji ta' l-Olanda mibghuta lilu fuq talba ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Assistenza Reciproka fuq Materji Kriminali, Strasbourg, 1959.

Rat il-verbal taghha tad-19 ta' Mejju 2014 fejn il-Prosekuzzjoni talbet li d-dokument inserit fl-atti u markat bhala Dok AG NL miktub bil-ligwa Olandiza jigi tradott ghal-ligwa Maltija u l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Daphne Dodebier ghal dan l-inkarigu.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 xehdet **Dr. Daphne Dodebier** u spjegat illi hija kienet giet nominata minn din il-Qorti kif

presjeduta sabiex taghmel traduzzjoni ta' certu dokumenti li jinsabu nseriti fl-atti mil-lingwa Olandiza ghal-lingwa Maltija u vici versa. In segwitu' ghan-nomina taghha hija esebiet din it-traduzzjoni li giet markata mill-Qorti bhala dokument DD. Qalet li naturalment fejn kien hemm xi dokumenti li diga' kienu tradotti ma qaghditx taghmel traduzzjonijiet doppji. Qed tghaddi kopja ta' din it-*translation* lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza. Spjegat li fejn kien hemm xi dokumenti li diga' kienu tradotti ghall-Ingliz hija ma qaghdetx taghmel traduzzjonijiet doppji.

Minn ezami ta' dawn l-ittri rogatorji jidher car li l-Prosekuzzjoni xtaqet tkun taf mill-Awtoritajiet Olandizi liema kienet l-invioces mahruga mis-socjeta' Glass Deco li kienet korretta, jekk hux dik tas-€70,000 jew dik tas- €7,000 u in oltre sabiex rapprzsentant mid-Dwana Olandiza jikkonferma l-hrug tad-dokument mahrug mid- Dwana tal-Olanda datat 12 ta' Settembru 2003 esebit fl-atti a fol. 148.

Jirrizulta li effettivament skond ic-Centru tal-Intelligenza ta' l-Olanda, is-socjeta' Concorde kienet hallset lis-socjeta' Glass Deco is-somma ta' € 69,960 f'erba' pagamenti u li l-invoice datata 23 ta' Ottubru 2002 bil-valur ta' €7,000 ma hargitx minghand is-socjeta Glass Deco u m'ghandhiex il-logo uzat minnha fuqha. Dwar id-domanda jekk id-dokument esebit fl-atti a fol. 148 harigx mid-Dwana Olandiza, ma jidhrix li hemm xi risposta.

**Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2014 il- prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.**

Illi nhar id-19 ta' Jannar, 2015 xehed in kontro-ezami **Paul Scicluna** ghan-nom u in rappresentanza tal-Kummissarju tal-VAT. Spjega li f'dawn it-tipi ta' kazijiet id-Dipartiment tal-VAT jagixxi fuq informazzjoni li tigi mghoddija lilu mid-Dwana u ghalhekk il-kaz per se ma jidhlux fih u ghalhekk x'VAT ikun thallas huma ma jkunux jafu ghaliex dan jithallas lid-Dwana. Il-Kontrollur tad-Dwana jagixxi f'isimhom f'dawn it-tip ta' kazijiet.

Huma jifformolaw l-ittra li fil-kaz odjern tinsab tinsab esebita sabiex il-proceduri jittiehdu f'isem il-Kummissarju. L-investigazzjoni ssir kollha mid-Dwana u d-Dwana ma taghti l-ebda *feedback* lilhom u dan ghaliex id-Dwana ghandha s-setgha li tigbor il-flus hi f'isem id-Dipartiment. Id-Dwana ma tghidilhomx jekk tkunx gabret il-flus jew le u dan ghaliex jibqghu fil-vot taghhom. Spjega ukoll li hemm it-taxxa perikolata li din tingabar f'isimhom u din ukoll tingabar mid-Dwana. Il-multa amministrattiva tkun tammonta ghal tlett (3) darbiet it-taxxa perikolata. Huwa ma jkunx jaf, tad-Dwana jkunu jafu. Pero' jaf li giet mitluba fit-talba u hija parti mill-ittra li hemm esebita fl-atti. L-ittra hija dik esebita fl-atti a fol. tmintax (18) immarkata bhala dokument VD1. Mistoqsi jekk meta prodott li jigi mpurtat u jithallas il-VAT ma jinbieghx, jekk effettivament l-importatur ikollux dritt li jiehu l-VAT lura, spjega li kollox jiddependi fuq minn fejn gej il-prodott u x'tip ta' prodott hu. Jekk il-prodott ikun gej mill-Ewropa l-VAT ma jithallasx, jithallas biss meta jsir il-bejgh ghaliex ikun akkwist dokumentarju u ma

jkunx hemm VAT impost intra kommunitarju u allura m'hemmx VAT impost u jithallas biss una volta jinbiegh l-oggett u jekk l-oggett ma jinbieghx ma jithallasx VAT. Pero' jekk l-oggett ma jkunx intra kommunitarju l-VAT tkun dovuta mal-importazzjoni pero' xorta wahda tingabar mid-Dwana.

L-imputati ma xehdux, kif kellhom kull dritt li jaghmlu, pero' rrilaxxjaw stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, liema stqarrijiet fl-ebda hin ma gew kontestati jew michuda tul dawn il-proceduri.

**Anthony Mizzi** fl-istqarrija tieghu immarkata Dok KBP1 esebita fl-atti a fol. 104 jghid li huwa sid is-socjeta' Concorde u ilu jahdem fuq dan it-tip ta'xoghol ghal dwn l-ahhar tlettax-il sena. Qal li fis-sena 2002 mieghu bhala Direttur kien hemm Anthony Bone izda dakinhar tar-rilaxx tal-istqarrija kien hemm bintu Natasha . Qal li din is-socjeta' ma timpurtax salv f'okkazzjonijiet rari, pero' tiehu hsieb ix-'shipping'. Mistoqsi min kien ipprezenta z-zewg invoices datati 23 t'Ottubru 2002 lid-Dwana jghid li ma jiftakarx, pero' jghid li jiftakar li kien cempillu Anthony Bone, ghaliex huwa kien jiehu hsieb id-dokumentazzjoni, u staqsih kemm kienu xtraw certu hgiega u hu wiegeb li kienu xtrawha ghall-valur ta' €70,000. Jghid li dak il-hin Bone qallu li kien hemm problema pero' kien ser jiehu hsieb kollox hu. L-ghada jghid li Bone qallu li setghu johorgu il-hgiega purche' jhallsu d-Dwana fuq is-somma ta' €70,000. Mistoqsi x'kien ix-xoghol tieghu fil-kumpanija jghid li kien jahdem fuq barra u jiehu hsieb l-erbghin trailer u l-

manutenzjoni taghhom. Mistoqsi jekk kienx jaf li gew prezentati zewg invoices jghid li sar jaf wara pero’ stqarr li l-invoice it-tajba kellha tkun dik li turi is-somma ta’ €70,000. Mistoqsi ghaliex kienet giet prezentata invoice ohra bis-somma ta’ €7,000 jghid li dan kien zball pero’ hu qatt ma raha. Ikkonferma li problemi mad-Dwana is-socjeta’ tieghu qatt ma kellha. Mistoqsi min seta’ jaghmel gwadann minn dik l-invoice jghid li hadd ghaliex il-VAT huwa ‘refundable’. Mistoqsi jekk id- Dwana thallsitx, jghid li iva fuq is-somma kollha ta’ €70,000.

**Anthony Bone** irrilaxxja l-istqarrija tieghu nhar it-22 ta Lulju 2004 u tinsab esebita fl-atti a fol. 97 immarkata bhala Dok MMP1. Mistqosi x’jaghmel fis-socjeta’ Concorde jghid li huwa Direttur u li ilu Direttur ghal dawk l-ahhar ghaxar snin. Qal li huwa impjegat ma’ dik is-socjeta’ waqt li Mizzi huwa sid is-socjeta’. Jghid li fis-sena 2002 huwa kien ‘in charge’ ghaliex Mizzi ma kienx ikun hemm. Spjega li bhala kumpanija jimpurtaw ‘cargo’ ghal kumpaniji ohra. Mistoqsi jekk kienx hu li pprezenta zewg invoices mahruga mis-socjeta’ Glass Deco nhar it-23 t’Ottubru 2002 lid- Dwana jghid li le. Jghid li ix-xoghol li kellu jigi minn barra kien xoghol taghhom ordnat mis-socjeta’ Glass Deco fl-Olanda u huma ghamlu l-korispondenza mal-agent taghhom hemmhekk Traffic BV sabiex jaghmel ix-xoghol neessarju u l-kuntatti sabiex il-merkanzija tingieb Malta. Jghid li hemmhekk ingabar ix-xoghol mill-‘warehouse’ taghhom, tghabba fit-trailer u wara li ssortjaw id- dokumenti ta’ din il-konsenja mill-haddiema tal-‘front desk’ dawn sabu illi ma kienx hemm id-dokumenti originali. Gie ikkuntattjat l-agent taghhom u dan qalilhom li id-

dokumenti inzammu hemm sabiex tinahreg l-EUR 1 Certificate. Jahseb li fil-fatt id-diskors sar ma' Johann Buis. Jghid li l-iskrivan taghhom hawn Malta, Richard Mifsud Bonnici, kien hadem il-clearance fuq 'faxed copy' li kien ircieva minn barra. Jaf li kienu gew prezentati d-dokumenti id- Dwana u gew infurmati li bhala invoices kien hemm tnejn b'zewg valuri differenti. Id-Dwana talbuhom sabiex ihallsu fuq l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) oltre multa sakemm il-kaz jigi investigat u sa fejn jaf hu hallsu s-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000).

Mistoqsi x'jaghmel bhala xoghol jghid li jahdem fil-General Administration u qatt ma jara dokumenti tad-Dwana sakemm ma jkunx hemm xi problema. Jekk imbaghad tinqala' problema jirrispondi ghaliha hu. Mistoqsi jekk jafx li wahda minn dawn l-invoices kienet imbaghbsa jghid li hekk deher. Mistoqsi min seta' jiggwadanja jekk tigi prezentata din l-invoice falza jghid li hadd ghaliex il-flus li kellhom ihallsu fuq is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) huma 'refundable'. Mistoqsi jekk jafx x'kien gie irrangat fiha din l-invoie jghid li ma jafx. Mistqosi minn fejn kienet giet il-'faxed copy' jghid li giet mill-Olanda. Mistoqsi fejn kien l-original jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk hallasx aktar VAT u dazju jghid li iva izda johodhom lura. Pero' kien hallas ukoll il-multa. Jghid li ma kienx hemm lok li jigi prezentat dokument falz ghaliex l-ammonti li kellhom jtihallsu huma kollha 'refundable' u ghalhekk hadd ma seta' jaghmel gwadann. Jghid li huwa qatt ma kellu l-invioces relattivi f'idu u ghalhekk dahal fl-istorja u rahom ghall-ewwel darba meta nqala' dan kollu. Jghid li huwa fil-fatt kien kiteb lid-Dwana u gharrafhom li kien hemm *typing error.* Jghid li bhala

kumpanija hallsu is-somma ta’ sebghin elf Ewro (€70,000) mhux kif hemm indikat fl-invoice l-ohra u cioe’ sebat elef Ewro (€7,000). Huwa kien iccekkja ma’ Mizzi ghaliex kien hu li ordna il-cargo u dan kien ikkonfermalu li l-valur kien €70,000. Jghid li ma hassx li kellu jitkeb lid-Dwana mill-gdid ghaliex ma kienux ser jaghtu kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2015 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:-

1. Is-socjeta’ Concorde International Freight Forwarders kienet importat xi hgieg mis-socjeta’ Glass Deco gewwa l-Olanda liema hgieg kellu valur skond id-ditta estera ta’ circa €70,000 kif jirrizulta mir-rogatorji esebiti fl-atti u kif jirrizulta minn dak li stqarr l-imputat Anthony Mizzi fl-istqarrija tieghu.
2. Gara pero’ li lid-Dipartiment tad-Dwana din is-socjeta’ pprezentatlu zewg invoices b’valuri differenti u cioe’ wahda ghall-ammont ta’ sebat elef Ewro (€7,000) ( Dok B esebita a fol. 24 tal-atti) u l-ohra fl-ammont ta’ sebghin elef Ewro (€70,000) (Dok A esebita a fol. 23 tal-atti).
3. M’hemmx dubju li minn ezami ta’ dawn iz-zewg dokumenti jirrizulta li effettivament il-merkanzija li kienet qed

tigi mportata hija l-istess u ghalhekk ma kienx hemm lok li jkun hemm zewg invoices b'valuri differenti.

4. Jiirizulta li effettivament l-imputat Anthony Mizzi kien Direttur tas-socjeta' Concorde International Freight Forwarders waqt li l-imputat Anthony Bone kien biss impjegat taghha.

5. Jirrizulta li kienet Charmaine Cutajar, Fizzjala id-Dwana li ndunat li kien hemm zewg invoices b'valuri differenti ghall-istess merkanzija ,u dan innotatu meta kienet qed tipprocessa l-inkartament relattiv. Fil-fatt din Charmaine Cutajar tghid li fid-dokument tad- Dwana kitbet nota fis-sens li kellu jigi mnizzel il-*correct value*. Tghid li dawn iz-zewg invoices gew mghoddija lilha mill-importatur jew mill-burdnar tieghu.

6. Jirrizulta li in segwitu' Saviour Chetcuti, li kien Fizzjal fid- Dwana kien ordna (stante id-diskrepanza fl-invoices) li jkellmu lill-importatur sabiex jindikalhom liema kienet l-invoice it-tajba u jgib mieghu il-*packing list* relattiva u spjegazzjoni minghand is-supplier ghaliex kien tahom zewg fatturi differenti ghall-istess merkanzija.

7. In segwitu' jirrizulta li l-imputat Anthony Bone kien kiteb lid- Dwana (Dok DB 3 a fol. 33) u kien infurmhom li kien hemm typing error fl-invoice li hemm a fol. 33 li tindika l-valur ghas- somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u dan ghaliex l-ammont kellu jkun sebat elef Ewro €7,000). Ghalhekk id-Dwana accettat li jsir depositu biex jaghmel tajjeb ghad-differenza ta' bejn sebat elef (€7,000) u sebghin elef (€70,000) Ewro.

8. Gara pero li in segwitu' Anthony Bone ghan-nom tas-socjeta' Concorde International Freight Forwarders kien

kiteb ittra lid- Dwana u talabhom sabiex jiehu 'refund' tal-ammont li kien hallas bhala deposit fuq is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) u ghalhekk talab li jiehu lura is-somma ta' hamest elef sitt mija w sebghin Ewro (€5,670).

9. Carmel Portelli , Spettur id-Dwana kien kiteb lid-Dwana gewwa l-Olanda (Dok DB5 a fol. 40) sabiex jivverifika d-dokumentazzjoni u irrizutlalu minn ittra mibghuta lilu mill-Customs Special Intelligence Centre tal-Olanda (Dok I a fol. 31) li effettivament is-socjeta' Concorde International Freight Forwarders kienet ghamlet erba' pagamenti li ilkoll flimkien kienu jammontaw ghal disgha w sittin elf, disgha mija w sittin Ewro (€69,960) u ghalhekk kien aktar verosimili li l-invoice kellha tkun sebghin elf Ewro (€70,000) u mhux sebat elef Ewro (€7,000). Jghid li kieku l-invoice kienet ta' sebat elef Ewro (€7,000) l-importatur kien ihallas VAT hafna inqas. In oltre f' din l-istess ittra Dok I a fol. 31 mibghuta mill-Customs Intelligence Centre tal-Olanda, hemm indikat li l-invoice bis-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) kellha logo falza.

Illi d-difiza ssostni li una volta sar il-pagament lid-Dwana fuq l-ammont ta sebghin elf Ewro (€70,000) bhala depositu, id-Dwana ma sofriet l-ebda dannu kagun ta' dawn iz-zewg invoices . Fit-trattazzjoni taghha id-difiza qalet li dan kien zball genwin ghaliex kieku ma kienux jigu pprezentati zewg invoices izda wahda biss u dan ghalhekk jipprova li ma kienx hemm il-*mens rea* rikjest.

Jigi rilevat li l-imputat Anthony Bone m'ghandux *locus standi* fir-rigward tas-socjeta' Concorde International Freight Forwarders u dan ghaliex ma jidhirx li qatt kien Direttur ta' din is-socjeta u ghalhekk f'din il-kawza qed jidher fil-vesti tieghu personali, filwaqt li l-ko akkuzat Anthony Mizzi hu Direttur ta' din is-socjeta' u ghalhekk qed jidher fil- kapacita' tieghu ta' Direttur taghha.

Jirrizulta mill-atti li minkejja li l-imputat Anthony Mizzi kien Direttur ta' din is-socjeta', mhux involut fil-'management' ta' kuljum taghha izda aktar jiehu hsieb ix-xoghol fuq barra u cioe' il-manutenzjoni ta' erbghin trailer. Jinghad ukoll li ghalkemm ma xehedx f'dawn l-atti kien irrilaxxja stqarrija u *a tempo vergine* tal-istqarrija mill-ewwel jghid li l-valur tal-hgiega kien madwar sebghin elf Ewro (€70,000) u jghid li ghalkemm gie infurmat li kien hemm invoice ta' sebat elef Ewro (€7,000) li giet prezentata, huwa ma kien jaf xejn dwarha u qatt ma raha. Fil-fatt hadd mix-xhieda ma jghid li tkellem mal-imputat Mizzi jew li kien hu li pprezenta xi dokukmentazzjoni.

Fir-rigward ta' Anthony Bone jirrizulta, u dan mill-istqarrija tieghu stess, li huwa kien *in charge* tal-kumpanija, ghalkemm kien impjegat taghha. Misqosi x'ghandu xi jghid dwar iz-zewg invoices li gew prezentati lid-Dwana jghid li huma kienu ordnaw hgieg minghand is-socjeta' Glass Deco gewwa l Olanda. Jghid li l-merkanzija waslet minghajr l-invioces u ghalhekk ikkuntattjaw lill-agent taghhom li baghtilhom invoices bil-fax. Jghid li kien certu Richard Mifsud Bonnici li pprepara id-dokumentazzjoni u li kien hu

li hadem fuq 'faxed copy'. Jirrizulta li huwa kien *in charge* tal-amministrazzjoni ghalkemm id- dokumenti tad-Dwana ma jarahomx salv meta jkun hemm xi problema. Mistoqsi min kien ipprezenta d-dokumenti relattivi, jghid li ma jafx, mistoqsi ghandux kopja originali tal-invoices jghid li m'ghandux u jghid li huwa sar jaf b'din id-diskrepanza wara li nqala' dan il-kaz. Pero' jghid, u dan fil parti ahharija tal-istqarrija tieghu, li benche' li kien jaf li kien hemm din id-dispkrepanza ma hassx li kellu jinforma lid-Dwana u dan ghaliex fil-fehma tieghu ma hasibx li kienu ser jaghatu kasu. Ghalhekk kien jaf li l-invoice kellha tkun sebghin elf Ewro (€70,000) pero' zamm ferm li l-kalkoli jsiru a bazi tal-invoice li turi sebat elef Ewro (€7,000). M'hemmx dubju li b'dan l-attegjament tieghu huwa assuma ir-responsabilita' ta'dan id-dokument li kien falz.

Ghalhekk dwar l-ewwel akkuza, u cioe' dik ta' frodi jinghad illi l-gurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhix bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzonjer, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentimenti kif hemm indikati fil-fuq kwotat **Artikolu 308 tal-Kap 9.** Irid ikun hemm il-*messa in scena* u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluzi kliem helu u perswaziv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-esistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix.

Minbarra il-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi mwieghed lilu mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkompanjat b'artifizji, kwazi teatrali, u mhux sempliciment weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cioe' apparat estern li jirrivesti bi krebilita' l-affermazzjoni menzonjera tal-frodatur.

Din il-*messa in scena* hi maghmulha minn dawn l-artifizji jew raggiri idoneji li jinducu, u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball, u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghal agent frodatur. Kif gie stabbilit u riaffermat fil-Qrati taghna, ikun hati ta' truffa min jaghmel uzu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligh ghad-dannu ta' haddiehor.(vide **Il-Pulizija vs George Manicolo** – 31/7/1998 – App. Kriminali (PV).

Issa fil-kaz in desamina m'hemmx dubbju li Anthony Bone kien jaf li kien hemm dokument falz ( invoice ghas-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) ) ipprezentat lid-Dwana dwar l-importazzjoni ta' hgiega minghand is-socjeta' estera Glass Deco u hallieha hekk ipprezentata bil-ghan li jhallas inqas VAT u dazju fuq din l-istess merkanzija. Mhux talli hekk talli kiteb ittra lid-Dwana fejn

infurmahom li effettivament l-invoice it-tajba bil-valur ta' sebghin elef Ewro (€70,000) kienet skorretta u dik ta' sebat elef Ewro (€7,000) kienet korretta. Dawn huma l-artifizzji li ghamel l-imputat Bone. Din l-akkuza ghalhekk tirrizulta pprovata fil-konfront biss tal-imputat Anthony Bone.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe' dik li ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali billi holoq partijiet, disposizjonijiet jew obbligi foloz, jinghad li din ma tirrizultax. L-awtur li ikkreja din l-invoice tas- sebat elef Ewro (€7,000) ma jirrizultax min kien u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizulax ipprovata fil-konfont taz-zewg imputati.

Dwar it-tielet akkuza, u cioe' li l-imputati ghamlu uzu minn dokument falz kif dispost fl-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Ligi titkellem fuq uzu ta' dokumenti foloz u ghalhekk huwa mportanti li l-Qorti tara x'hini t-tifsira ta' dokument.

**Kenny,** gurista Ingliz fil-ktieb tieghu ***Criminal Law*** jaghti tifsira ta' dokument fejn jghid:

"*for the purpose of the law of forgery a document is a writing in any form or any material, which communicates to some person or persons human statement, whether of fact or fiction.*"

**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** jghid:

"*documento e' ogni scrittura determinato, contenendo manifestazioni o dichiarazioni di volonta' ovvero attestazioni di verita', atto o fondare o a suffragare una pretesa guiridica o a provare un fatto giuridicamente rilevante in un rapporto processuale o in altro rapporto guiridico.*"

Illi ghalhekk jirrizutla bic-car li l-invoice ghas-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) u cioe' dik esebita fl-atti a fol. 24 kienet falza, u l-imputat Anthony Bone kien jaf li kien qed jaghmel uzu minnha, tant li qal li ma hassx il-bzonn li jghid lid-Dwana dwar il fatt li kienet falza ghaliex haseb li ma kienux ser jaghtu kazu. Fil-konfront ta' Anthony Mizzi din l-akkuza ma tirrizultax ipprovata.

Dwar l-ahhar akkuza, u cioe' li l-imputati xjentement issottometew lid- Dipartiment tad-Dwana dokument kummercjali falz u b'hekk ghamlu dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali u b'hekk ukoll xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq tinharab it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Jinghad li ghalkemm ma kienux l-imputati li pprezentaw l-invoices lid-Dwana m'hemmx dubbju li l-imputat Anthony Bone kien jaf bl-invoice falza li baqghet prezentata id-Dwana minkejja li kien jaf li kienet falza, u ghalhekk din l-akkuza fil-konfront ta' Anthony Bone tirrizulta pprovata.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 31, 183, 184, 308, 309, 310 (1) (a) u 533 tal-Kapitolu**

**9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 18 u 62 (g) (h) (i) (k) (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat ANTHONY MIZZI mhux hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ANTHONY BONE hati tat- tieni akkuza u cioe' li ffalsifika dokument kummercjali minn liema akkuza qeghda tilliberah, pero' issibu hati tal-akkuzi l-ohra u tikkundannah in kwantu ghall-akkuza li tikkoncerna l-evazjoni tal-hlas ta' dazju lid-Dwana ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) ai termini ta' dak li jipprovdi il-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipatiment tad- Dwana. Fir-rigward ta' l-akkuzi l-ohra fejn ANTHONY BONE ma hallasx il-VAT dovut lill-Gvern ta' Malta fuq l-ammont reali tal-valur tal-oggett impurtat u ta' l-akkuzi ta' frodi u ta' uzu ta' dokument falz, il-Qorti rat li l-imputat huwa 'a first time offender' b'kondotta nadifa u ghalhekk minflok li ser tikkundannah ihallas il-multa ta' sebgha w ghoxrin elf mitejn u tlieta w hamsin Ewro w tmienja w sittin centezmu ( €27,253.68) lill-Kummissarju tal-VAT oltre li tikkundanah ghar-reati l-ohra, hija sejra tikkundannah kumplessivament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal prigunerija ghall-perijodu ta' tmintax (18) –il xahar , liema perijodu qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' tliet (3) snin ai temini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------